MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1738/2005

**Perit Karmenu Borg**

**vs**

**Julian & Henry Borg Barthet f'isimhom propio u f'isem is-socjeta Castleguard Holdings**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru 2006 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' sebgha mija u zewg liri Maltija u tmenin centezmu (Lm702.80) rapprezentanti kwantu ghal Lm650.80 prezz ta' oggetti mibjugha u konsenjati lill-konvenuti, u kwantu ghal Lm52 imghaxx dekorribbli skond il-Ligi.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b’l-avviz fid-9 ta’ Frar 2006 naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ sebgha mija u zewg liri Maltija u tmenin centezmu (Lm702.80) b’l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------